**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012
**----------------------------------------**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA24.**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 22 t' April 2013, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-6.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Viċi-Chairperson.*
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Vincent Borg – Membru u s-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-15 t' April 2013.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Mixjiet fl-aħrax tax-Xlendi.
3. Kisi tal-Passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi.
4. Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.
5. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
6. Kalendarju ta' Attivitajiet 2013 – Ix-Xlendi.
7. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
8. Mistoqsijiet mill-membri.
9. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA23.

**2.00 Mixjiet fl-aħrax tax-Xlendi.**

2.01 Il-pubbliku ser ikun mistieden jattendi għal attivitajiet ta' *trekking* jew mixjiet mal-kosta u l-irdum tax-Xlendi, bħala parti minn inizjattiva favur aktar attività fiżika. Din l-inizjattiva qed tittieħed mill-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi bl-għajnuna tal-Iskema Inizjattivi Sportivi 2013 imħaddma mill-Ministeru għat-Turiżmu - Segretarjat Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali u mill-Kunsill Malti għall-Isport.
Il-mixjiet fil-kampanja, li ser jorganizza l-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi, din is-sena ser ikunu parti mill-attivitajiet ta' Lejlet Lapsi - Notte Gozitana. Dawn ser isiru s-Sibt 11 u l-Ħadd 12 ta' Mejju fis-sagħtejn u nofs ta' waranofsinhar. Ir-rotta tas-Sibt ser tibda mix-Xlendi, għat-tieqa tad-Dwejra, billi tgħaddi lejn l-irdum għall-inħawi tal-Għoroba, Wied Sansun, lejn Ġebel San Ġorġ, għall-għadira ta' San Raflu, bi żjara fit-torri tad-Dwejra. Il-mixja tal-Ħadd tibda minn quddiem it-Torri tax-Xlendi, bi żjara fit-torri, mixja għal fuq l-irdum Tas-Sanap, Tal-Bardan u Ta' Ċenċ u tintemm fil-Bajja ta' Mġarr ix-Xini. Kull mixja ddum ftit iktar minn 4 sigħat. Trasport lura lejn Ix-Xlendi ser ikun provdut.
Il-mixjiet ser ikunu mmexxija minn persuni kwalifikati. Fost l-oħrajn ser tingħata spjegazzjoni tal-flora u l-fawna fl-inħawi. Il-mixjiet huma b'xejn.
Min ser jipparteċipa f'dawn il-mixjiet għandu jkun imdorri jimxi fl-imħarbat u għandu jilbes ilbies ħafif u adattat għall-mixi fuq il-blat. Minħabba li l-mixjiet ser ikunu viċin it-tarf tal-irdum u l-kosta, persuni taħt l-erbatax-il sena ma jistgħux jipparteċipaw. Importanti li min jipparteċipa ma jkunx jibża' mill-għoli jew ibati minn sturdament.
Il-postijiet huma limitati u għaldaqstant dawk interessati għandhom jibbukkjaw bil-quddiem.
L-applikazzjonijiet iridu jaslu għand il-Kunsill Lokali Il-Munxar sa mhux aktar tard mill-Erbgħa, 8 ta' Mejju 2013 sal-4 ta' waranofsinhar. L-applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Ftit jiem qabel il-mixjiet il-parteċipanti jirċievu *e-mail* b'iktar dettalji mingħand il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi.

**3.00 Kisi tal-Passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi.**

3.01 Id-DNO tal-MEPA ġiet approvata u x-xogħol jista' jinbeda. Ser inkellmu lill-Perit William Lewis u lill-Kuntrattur sabiex jikkwota l-prezz sabiex isir iċ-ċint tat-tarf.

**4.00 Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.**

4.01 *Lot* 1 li jikkonsisti fir-restawr tal-makkinarju huwa lest. Issa għandu jiġi l-Perit Edward Said sabiex isir il-kejl tax-xogħol li sar.

**5.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.**

5.01 Il-Kunsill/Kumitat għadu jistenna konferma mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex ix-xogħol ikun jista' jinbeda. Meta jkollna l-konferma, jiġi ffirmat il-kuntratt ma' Gatt Tarmac Ltd.

**6.00 Kalendarju ta' Attivitajiet 2013 – Ix-Xlendi.**

6.01 Il-Kumitat beda jiddiskuti dwar il-Kalendarju ta' Attivitajiet li ser isiru fix-xhur tas-Sajf fejn id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ser jikkontribwixxi s-somma ta' €1,500. Bħalma sar is-sena l-oħra ser isiru fjakkolata, wiri ta' *films* u *Fun Park* fil-baħar għal ġurnata. Iċ-*Chairperson* ser jibda jfassal il-programm biex finalment isir il-*poster* u jsir ir-reklamar.

**7.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv talab kwotazzjonijiet mingħand Chris Gauci sabiex isir festun bil-bozoz matul Triq il-Kantra. Dawn ser jibqgħu sakemm jitlesta x-xogħol. Twaħħil u żarmar ta' 25 arblu sabiex jitwaħħal il-festun magħhom ser jiswa €700. Kera u tibdil ta' bozoz maħruqin ser jiswew €30 fil-ġimgħa. L-arbli ser jinxtraw mill-Kumitat. Kien hemm qbil dwar dan.

7.02 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand l-*Ischemes Unit* fejn qed jitolbu *poster* għall-Kalendarju ta' Attivitajiet. Iċ-*Chairperson* kien ser ikellem lid-*designer* sabiex dan il-*poster* isir.

7.03 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva ilment li fid-daħla ta' Triq il-Puniċi, Ix-Xlendi hemm toqba fit-triq. Ser ngħidu lill-*handyman* sabiex jimliha bil-*cold asphalt*.

**8.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

8.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-membri.

**9.00 Materji oħra.**

9.01 Is-Sindku informa lill-Kumitat li kienu saru laqgħat mal-Koordinatur tal-Ministeru għal Għawdex fuq il-Kunsilli Lokali. Għal din il-laqgħa attendew is-Sur Philip Vella u s-Sur Oliver Bonello min-naħa tal-Ministeru u s-Sindku u Segretarju Eżekuttiv min-naħa tal-Kunsill. Saret laqgħa oħra ma' Uffiċjali tas-CMU dwar xogħlijiet fil-Munxar u Ix-Xlendi. Għal din il-laqgħa attendew is-Sur Anthony Debono, is-Sur Noel Cardona u s-Sur George Said li rrappreżentaw is-CMU u s-Sindku u Segretarju Eżekuttiv irrappreżentaw lill-Kunsill. F' din il-laqgħa ġew diskussi x-xogħlijiet urġenti u pjanijiet għal-Bajja tax-Xlendi.

9.02 Is-Sindku ġie informat li għax-xhur tas-sajf it-Taqsima tal-Indafa Pubblika ser tpoġġi kennies għall-*Parking* tax-Xlendi biss.

9.03 Is-Sindku attenda għal-laqgħa li saret il-Ministeru għal Għawdex ma' dawk il-Kunsilli li għandhom bajja sabiex isiru l-preparamenti għas-sajf. Għal din il-laqgħa attendew is-Sindku u l-Kunsillier Carmen Said.

9.04 Is-Sindku informa lill-Kumitat li daqt ser jibda l-manutenzjoni taż-żebgħa tat-toroq tax-Xlendi u ser jitranġa l-*culvert* ta' Triq San Xmun mill-Ministeru għal Għawdex peress li qed iħabbat ħafna.

9.05 Is-Sindku informa lill-Kumitat li issa jista' japplika għall-attivita' tal-Leader peress li din l-iskema ser tagħlaq fit-3 ta' Mejju 2013.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***